# SHAKESPEARE JEW MARLOWE?

— It-Tieni Taqsima —

**Studju ta' ALFRED MASSA**

Skond Hoffman bniedem wieħed biss seta' kiteb dawk id-drammi u dawk il-versi li huma attribwiti lil Shakespeare; u dan kien Christopher Marlowe, missier il-'blank verse', il-kbir inventur u d-dramaturgu l-aktar rispettat ta' żminijietu. Il-misteru nqala', peress li skond l-Istorja, meta nkitbu xi wħud minn dawn id-drammi Marlowe kien ġa mejjet — għalkemm lil Hoffman u lil ħafna bħalu din il-ħaġa ma tinżlilhomx!

Hoffman isostni li aktar ma jaqra x-xogħolijiet ta' dawn iż-żewġ kittieba (Shakespeare u Marlowe) huwa aktar iħossu milqut minn dik iċ-ċerta similarità li teżisti fix-xogħol sew ta' wieħed u kemm ta' l-ieħor. Huwa jsib diversi minn dawn it tixbihat u jlaħħqu madwar l-elf wieħed!

Bosta huma tal-fehma li Marlowe kellu sehem mhux zgħir f'al-menu 12 mid-drammi ta' Shakespeare u jgħidu li dawn ġew miktubin qabel dik il-ġurnata misħuta tal-1593 meta Marlowe iltaqa' ma' Frizer fid-dverna ta' Dame Bull.

Iżda anke fi drammi oħra li żgur ġew miktubin wara l-mewt misterjuża ta' Marlowe, wieħed m'għandux ma jinnotax dan ix-xebh. Ħafna drabi mhux biss wieħed jiltaqa' ma' frażijiet sħaħ, imma anke xi kultant Shakespeare ikkwota lil Marlowe kelma b'kelma — u dan l-ikkupjar allura jidher li kien vizzju ta' bilħaqq ikraħ fil-karattru ta' William Shakespeare!

Dan ix-xebh kompla kebbes f'qalb Hoffman il-kurżità biex isir jaf is-sewwa kollha. Għalhekk, wara li fela tajjeb il-ħajja privata ta' Shakespeare u x'effetti seta' kellha fuq id-drammi li jingħad li kiteb, issa huwa ttanta jdawwar ir-riċerki tiegħu dwar il-ħajja privata ta' C. Marlowe.

Marlowe, bħal Shakespeare kien ġej minn familja baxxa u bħalu wkoll huwa twieled f'raħal ċkejken — f'Canterbury. Kumbinazzjoni oħra hija li t-tnejn twieldu fl-istess sena i.e. fl-1564.

Iżda sa hawn tasal is-similarità fil-ħajja privata tagħhom. Meta mbagħad bdew jikbru, it-tnejn qabdu toroq differenti.

Fil-waqt li kif ġa rajna, Shakespeare qatt ma attenda l-ebda skola sekondarja jew università, Marlowe għal kuntrarju mhux talli attenda imma talli dejjem ħareġ bl-unuri.

Huwa bilfors li kien intelliġenti minn ċkunitu għax ta' 15-il sena huwa ġie mogħti 'scholarship' biex jibda jattendi fil-"King's School"

li kienet qrib ħafna tal-Katidral ta' Canterbury. Din kienet skola b'reputazzjoni tajba ħafna u hawn Marlowe żgur li tħallat u għamilha ma' wlied il-klassi għolja ta' żminijietu bħal ngħidu aħna Lyly, Sidney, Dobson, Bentham u oħrajn. Anke f'din l-iskola huwa mexa 'l quddiem ħafna fit-tagħlim u fl-1581 huwa ġie mogħti 'scholarship' ieħor; din id-darba żagħżugħ seta' jattendi Cambridge fejn jingħad li ttraduċa sew lil Ovid u kemm lil Lucan. Ta' 22 sena Marlowe kiteb il-famuż dramm bl-isem ta' "Tamburlaine the Great".

* * *

Fl-Università ta' Cambridge, Marlowe issokta jimxi 'l quddiem fit-tagħlim u fl-1587 huwa wasal biex jieħu d-'degree' ta' "Master of Arts" (M.A.) Iżda f'daqqa waħda l-awtoritajiet tal-Università oġġezzjonaw għax qalu li kien għamel żmien sewwa ma jattendix għal-lezzjonijiet.

Minħabba dan, waqgħu bosta suspetti fuqu. Kien hemm min saħansitra ssuspetta li Marlowe kien sar Kattoliku; ħaġa li dak iż-żmien kienet tfisser tradiment kontra l-Istat.

Iżda l-vera raġuni kienet (u dan sirna nafuh minn dokumenti li nstabu wara 400 sena — 1925) li Christopher Marlowe ma kienx qed jattendi l-Università għax kien qed jagħmilha ta' Aġent Sigriet għall-M.T. r-Reġina u għall-Kap tal-Ispiji tagħha, Sir Francis Walshingham. Huwa kien mar fi Franza biex jitkixxef dwar grupp ta' Ingliżi Kattoliċi li jingħad li kienu ħallew pajjiżhom u marru fil-belt ta' Rhiems; w hemm bdew jaħdmu minn taħt biex iwaqqgħu minn fuq it-Tron lil Elizabetta u jtellgħu minn flokha fuq it-tron Ingliż lil Mary of Scotland — Kattolika bħalhom.

Minn dawn il-karti mportanti li nstabu sirna nafu wkoll li wara kollox Marlowe xorta waħda ġie mogħti l-M.A., għax wara l-oġġezzjoni tal-awtoritajiet universitarji ta' Cambridge, il-Privy Council ħareġ stqarrija fejn fost affarijiet oħra kienet tgħid hekk:

> "...ma hix ix-xewqa tal-Majestà Tagħha illi bniedem li jkun qed jaqdi dmiru għal pajjiżu għandu jbati minħabba li xi awtoritajiet konċernati ma jkunux jafu bil-missjoni li jkun qed jaqdi. U dan minħabba s-sigurtà ta' l-Istat."

Il-ksib tal-M.A., ma waqqafx lil Marlowe mill-istudji anzi minn issa 'l quddiem huwa beda jħaddem sewwa l-pinna tiegħu u nistgħu ngħidu li l-fama li akkwista ħarġet saħansitra barra mix-xtut Ingliżi.

Huwa sar ħabib tal-qalb ta' ċertu Thomas Walsingham u dan għenu ħafna biex ġo Londra huwa tħallat ma' l-aqwa kittieba Ingliżi ta'

dak iż-żmien. Għal xi żmien huw kien joqgħod fl-istess dar ma' Thomas Kyd u mhux darba jew tnejn iltaqa' ma' Sir Walter Raliegh, mal-poeta Chapman u mal-kbir matematiku Hariot.

Dawn il-kuntatti ma' nies kbar għenuh ħafna fil-qasam letterarju u wara ftit Marlowe kiseb fama tajba u sar meqjus bħala dramaturgu mill-aqwa. Id-drammi tiegħu "Tamburlaine the Great", "Doctor Faustus", "The Jew of Malta' (li huwa ħu t-tewmi tad-dramm ta' Shakespeare, "The Merchant of Venice"), "Edward II", "Dido", "Queen of Carthage" w oħrajn juru l-kobor tiegħu u jagħmluh meqjus bħala 'ġenju' għal żminijietu.

Iżda jaħasra meta ż-żagħżugħ kittieb wasal fil-quċċata tal-ħajja letteraria faqqgħet it-traġedia tal-mewt misterjuża tiegħu.

Fit-12 ta' Mejju, 1593 Kyd ġie arrestat u mixli li kien bniedem ateju. Huwa ġie tturturat bla ħniena u waqt dawk it-tbatijiet ħorox, huwa stqarr li xi karti li kienu nstabu f'daru — karti li kienu xhieda tal-atejiżmu tiegħu — kienu waslulu permezz ta' Marlowe. Sitt ijiem wara l-arrest ta' Kyd, Christopher Marlowe ġie maqbud waqt li kien jinsab fil-ġonna ta' Walsingham ġewwa Scadbury. Iżda ġie meħlus ftit wara sakemm kellu jitħejja l-ġuri li kellu jgħaddi fuq l-istess akkuża ta' sieħbu Kyd. Sa dan it-tant huwa ġie mwissi biex ta' kuljum imur juri ruħu quddiem il-Privy Council. Nistgħu ngħidu, li dan kien trattament speċjali, u sar forsi minħabba l-konnessjoni li kellu mal-Familja Walsingham.

* * *

Issa Marlowe intebaħ bil-periklu li kien jinsab fih u ħassu ddisprat. Huwa kien żgur li l-arrest tiegħu kien ifisser mewt — jew almenu tortura u ħabs; żewġ ħwejjeġ li kienu jkexkxu lil kull min kien biss jisma' bihom!

Konxju minn dan kollu, Marlowe ħassu mbażża' għall-aħħar u forsi din kienet ir-raġuni li dak in-nhar tat-30 ta' Mejju huwa għadda jum sħiħ ma' dawk it-tliet xellerati fid-dverna ta' Dame Bull ġewwa Deptford.

Dak li hu żgur huwa l-fatt li Poley, Frizer u Skerer kienu midħla sewwa ta' Walsingham u Marlowe jidher li kien jafhom tajjeb, għax kieku ma kienx jgħaddi ħin twil jitħaddet magħhom.

Imbagħad bħal sajjetta fil-bnazzi, Frizer qatel lil Marlowe. Iżda rridu nammettu li dan il-qtil kien ftit jew wisq misterjuż. Id-daqqa ta' stallett li Marlowe qala' fuq għajnu l-leminija żgur li ma setgħet qatt tasal biex toqtlu immedjatament — almenu hekk jaħsbuha t-tobba tal-lum!

Hemm ħaġ'oħra misterjuża f'dal-każ. Kif seta' qatt Frizer jagħti daqqa hekk fatali lil Marlowe meta (skond ix-xhieda) ta' l-ewwel (Frizer) kien qiegħed bil-qiegħda bejn Poley u Skerer, u t-tlieta kienu daharhom lejn Marlowe?

U għaliex l-ebda xhud ieħor ma nġieb barra Poley u Skerer? Għaliex Dame Bull infisha ma ġietx mitluba tixhed ukoll? Fl-aħħarnett x'kienet ir-raġuni li l-katavru ta' Marlowe ġie midfun hekk bilgħaġġla u midfun f'qabar li għadu sal-lum mhux magħruf? Għaliex dan it-taħwid u dan il-ħabi kollu?

Dawn huma kollha mistoqsijiet li qatt ma ġew imwieġba u dan l-aġir juri ċar li bilfors li fin-nofs kien hemm xi misterju.

Imma l-aktar parti importanti f'dan il-qtil misterjuż huwa l-fatt illi Frizer, li kien ġie arrestat u mixli bil-qtil ta' Marlowe ġie meħlus xahar biss wara d-delitt.

Skond ma hu magħruf ir-Reġina kienet ħafritlu minħabba li hu kien stqarr li qatel lil sieħbu biex jiddefendi lilu nnifsu. U l-għada talħelsien tiegħu, Walsingham l-aktar ħabib ta' Marlowe, reġa' sejjaħlu biex jissokta jaħdem miegħu.

Li Walsingham isejjaħ jaħdem miegħu lil dak il-bniedem li kien qatillu l-akbar ħabib li kellu, ħija ħaġa li ma titwemminx kif ġieb u laħaq! Mhux biss Frizer reġa' beda jaħdem ma' Walsingham għal qabel, imma anke l-ħabib tiegħu Poley.

Tgħid allura, seta' jagħti l-każ li Christopher Marlowe ġie assassinat biex igħatti dnub ħadd ieħor? Ngħidu aħna biex ma jikxifx xi nuqqas li Walsingham kien ikkommetta? Nafu li Marlowe kien qed jistenna minn mument għall-ieħor l-arrest tiegħu. Dan forsi beżża' lil Walsingham, għax ħaseb li taħt it-tortura Marlowe seta' jikxiflu xi għemil li ma kienx jogħġob lir-Reġina, w għalhekk huwa (Walsingham) seta' qabbad lil Frizer u lil Poley biex joqtluh. Imma terġa' u tgħid, Marlowe kien jaf tajjeb Frizer u Poley x'ħobż kienu jieklu, u allura x'ried jgħaddi jum sħiħ fil-kumpanija tagħhom?

Tajjeb li wieħed ikun jaf illi l-mewt ta' Marlowe baqgħet moħbija għall-aħħar. F'Londra ħadd minn ħbiebu ma sar jaf bil-mewt tiegħu ħlief wara ġimgħat li hu kien ilu mejjet. U l-vera raġuni tal-mewt tiegħu baqgħet ma nagħtatx; intqal biss li Christopher Marlowe miet vittma tal-marda tal-pesta. Dan ifisser li ħadd minn dawk li kellhom sehem fil-każ tal-mewt tiegħu ma tkellem xejn. Għaliex? Din il-mistoqsija huma biss setgħu jwieġbuha!

Iżda Hoffman jispjega dan il-misterju b'dan il-mod.

Marlowe kien jaf li l-mewt kienet qegħda tistennih. Il-patrun u l-ħabib tiegħu wkoll kien jafu dan u għalhekk ried jeħilsu billi jħarrbu lejn xi art 'il bogħod.

Fid-dverna ta' Dame Bull, Marlowe taparsi ġie assassinat. Meta dalam sewwa x'aktarx li xi qaddejja ta' Walsingham daħħlu fl-istess dverna xi raġel fis-sakra u mbagħad qatluh. Sa dan it-tant ħarġu lil Marlowe minn hemm, (li kien sempliċiment ferut) u ħaduh fuq xi bastiment fejn wara li dewwewh għall-ferita li kellu, huwa ġie meħud f'xi pajjiż il bogħod — aktarx fl-Italja!

Il-katavru tar-raġel il-mejjet ġie mbagħad meħud u midfun malajr malajr u bil-moħbi, għat-taparsi li kien dak ta' Christopher Marlowe. B'hekk il-verità kollha baqgħet mistura.

Dwar l-Uffiċjal inkarigat biex jinvestiga l-każ, dan aktarx li ġie mħallas tajjeb minn Walsingham u mwissi biex iżomm fommu magħluq.

Dejjem skond Hoffman, Marlowe jew moħbi fid-dar ta' Walsingham, jew inkella mill-pajjiż fejn kien jinsab issokta jikteb sew drammi u kemm versi; u dawn kien jgħaddihom lill-patrun tiegħu Walsingham. U hekk nistgħu naħsbu li l-isem ta' William Shakespeare beda kull ma jmur jissemma u jżid fil-fama għall-ġmiel ta' kitba li kienet tiċher taħt ismu.

**(Jissokta)**

* * *